# PERLI U PIŻELLI

IL-KRITIKU HAROLD BLOOM JEMMEN LI L-IDENTIFIKAZZJONI TAL-AQWA XOGĦLIJIET LETTERARJI TĦEĠĠEĠ LILL-QARREJJA JAQRAW DAWN IR-RUMANZI ANTIKI SABIEX JASLU GĦAL RIFLESSJONI ĠEWWIENA U PRIVATA. **IŻDA LIEM'HUMA L-AQWA RUMANZI MALTIN?**
DAVID ALOISIO JAGĦŻEL L-AĦJAR RUMANZI MALTIN TA' QABEL L-1950




Dan l-aħħar, studju tal-BBC dwar il-qari ta' 2,000 persuna Ingliża wera li ħafna huma dawk li jistqarru li xi darba jew oħra qraw ix-xogħlijiet klassiċi ta' pajjiżhom, iżda li fil-verità jkunu qegħdin biss jibblaffjaw. Fost ir-raġunijiet għal din l-imġiba stramba hemm il-fatt li ħadd ma jrid joħroġ ta' piżella waqt xi konverżazzjoni bi pretensjonijiet intellettwali. Aktarx li diversi Maltin isegwu lill-Ingliżi f'dan ir-rigward madankollu wisq nibża' li hawn bosta Maltin li lanqas jibblaffjaw ma jistgħu peress li lanqas qatt ma indenjaw ruħhom isiru jafu mqar it-titli tal-aqwa rumanzi Maltin.

Harold Bloom, kritiku ta' fama mondjali li jibni l-opinjoni tiegħu fuq l-idea klassika tal-kanoniċità letterarja, jemmen li l-identifikazzjoni tal-aqwa xogħlijiet letterarji tħeġġeġ lill-qarrejja jaqraw dawn ir-rumanzi antiki  sabiex ifittxu (u forsi jsibu) l-gost estetiku u jaslu għal riflessjoni ġewwiena u privata. Dawn l-għaxar rumanzi Maltin intgħażlu kemm minħabba n-natura rappreżentattiva tagħhom, kif ukoll minħabba l-attenzjoni akkademika li ngħataw matul is-snin abbażi tal-valur letterarju tagħhom. Din il-lista tal-'perli' letterarji hija biss suġġeriment u b'ebda mod ma hi xi lista awtorevoli jew uffiċjali. L-ordni li jinsabu fiha r-rumanzi hija kronoloġika.

### 1. *Ineż Farruġ* (1889) ta' Anton Manwel Caruana

Meqjus bħala l-ewwel rumanz letterarju bil-Malti, ir-rumanz jintroduċi t-tematika tat-tbatija tal-Maltin li bħala poplu maħkum ħassewhom oppressi f'pajjiżhom stess. Ineż, il-protagonista fittizja u rappreżentattiva tal-poplu, tisfa vittma ta' kumplott li ebda eroj, lanqas il-maħbub tagħha stess, ma jirnexxilu jeħlisha minnu. Fi kliem Friggieri, *Ineż Farruġ* jitqies bħala "rumanz storiku tellief" għax flok l-eroiżmu jittrażmetti biss l-idea li fil-Maltin taħt il-ħakma Spanjola nibtet ix-xewqa li, b'xi mod u xi darba, għad tinbidel il-qagħda soċjali tagħhom. Permezz ta' *Ineż Farruġ*, Caruana stabbilixxa ruħu bħala pijunier li ttanta jgħolli t-tematika u l-lingwa popolari għal-livell estetiku u joħloq rumanz miktub bil-Malti li jista' jkun "oġġett ta' ammirazzjoni".

### 2. *Nazju Ellul* (1909) ta' Ġużè Muscat Azzopardi

Muscat Azzopardi, missier il-letteratura Maltija, introduċa l-karattru tal-eroj epiku fix-xena letterarja lokali, l-aktar permezz ta' *Nazju Ellul*. Dan ir-rumanz storiku ħejja għalih b'narrattivi qosra li ttrattaw ukoll it-tema tal-eroj nazzjonali, ewlenin fosthom, *Toni Bajjada* (1878), *Ċejlu Tonna* (1886) u *Ċensu Barbara* (1893). Muscat Azzopardi, l-awtur Romantiku "meqjus bħala mudell tal-Malti letterarju ta' żmienu", fittex li fiċ-ċentru tal-attenzjoni jitfa' lill-eroj Malti, ir-rappreżentant ta' poplu li skont it-twemmin Romantiku ħaqqu attenzjoni daqs jew aktar mill-ħakkiema tiegħu, attenzjoni li xi darba kellha twassal għall-ideal politika ta' nazzjon ħieles.

### 3. *Ivan u Prascovia* (1905) ta' Manwel Dimech

Mark Montebello jiddeskrivi *Ivan u Prascovia* bħala "l-aqwa xogħol artistiku li pproduċa" Dimech, rumanz li jiddistingwi ruħu mill-bqija, kemm minħabba l-ambjentazzjoni lil hinn mill-konfini ta' Malta, kif ukoll minħabba li "jitqies bħala l-ewwel rumanz (Malti) li ħaddan fih messaġġ (politiku) bħal dan b'mod daqshekk dirett". Ambjentat fil-belt ta' Nijni Novrogod, fir-Russja, il-plott idur madwar il-koppja żagħżugħa msemmija fit-titlu; fl-isfond iseħħ irvell kontra r-reġim tal-Tsar li jwassal liż-żewġ żgħażagħ jeżiljaw lilhom infushom u jiżżewġu f'Pariġi. L-idea li dan ir-rumanz jista' jitqies, fi kliem Dimech innifsu, bħala "xi ħaġa li jistħoqqilha tibqa' bħala monument tal-ġmiel u tas-sbuħija tal-ilsien Malti" huwa x'aktarx dovut għall-fatt li nkiteb minn awtur ta' piż storikopolitiku li emmen fil-forza soċjali tal-letteratura.

### 4. *Is-Saħħar Falzun* (1908 – 1912) ta' Agostino Levanzin

Dan huwa wieħed mill-itwal rumanzi Maltin u li ħareġ f'faxxikli tul medda ta' ħames snin. Jista' jitqies bħala wieħed mir-rumanzi storiċi ewlenin mhux biss minħabba tulu iżda wkoll minħabba l-kontribut letterarju bikri fejn jidħlu stil elevat u teknika mirquma ta' narrazzjoni, attributi li donnhom jikxfu x-xewqa tiegħu li jagħti prova ta' kif il-Malti jista' jintuża bħala lingwa letterarja. Fuq kollox, bħal Dimech, Levanzin emmen li anke permezz ta' rumanz seta' jasal it-tagħlim lill-poplu li ma kienx edukat, fuq livell kemm storiku kif ukoll morali.

### 5. *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerki* (1930) ta' Juann Mamo

Dan ir-rumanz, influwenzat tematikament minn Dimech, hu uniku stilistikament għall-kontemporanji tiegħu għax fih Mamo juża n-narrattiva satirika biex jattakka bil-pinna ġenjali li kellu. Kif mistenni, kien hemm ħafna li ddarrsu b'din it-tip ta' letteratura u saħansitra kien hemm min neħħa l-kopja tar-rumanz mill-biblijoteka nazzjonali. Fortunatament, illum il-ġurnata, kemm l-akkademja kif ukoll il-pubbliku bdew jagħrfu li dan ir-rumanz huwa kontribut imprezzabbli għal-letteratura lokali. L-injoranza tal-Maltin, il-motiv ewlieni tar-rakkont ta' Mamo, toffri element ta' spettaklu farsesk li jqanqal lill-qarrejja biex jidħku. Madankollu miċ-ċajta li jippreżenta Mamo, il-qarrejja jistgħu, jekk iridu, jgħaddu għar-riflessjoni dwar kemm il-Maltin kienu għadhom lura fl-istess żmien li pajjiżi oħra qabdu t-triq mgħaġġla tal-progress.

### 6. *Żmien l-Ispanjoli* (1937) ta' Ġużè Galea

Ir-rumanzi li kiteb Galea jiddistingwu lilhom infushom minn rumanzi oħra għaliex joffru narrattiva tat-tip popolari li ma tħaddanx il-kontenut politiku b'mod espliċitu. Għaldaqstant, Galea huwa dak li kiteb ir-rumanz storiku fis-sens dejjaq tal-kelma – rumanz li jibqa' marbut direttament mal-ġrajja li qed jirrakkonta mingħajr ma jinħass il-bżonn urġenti li jibdilha f'impenn għal riforma soċjali. L-istorja ewlenija ta' mħabba 'kortiġjana' bejn Ena Monroi, tfajla nobbli u Ġorġ Farruġ, żagħżugħ minn Ħal Qormi, tista' titqies bħala t-tlaħħim rappreżentattiv tar-relazzjoni ambivalenti bejn il-ħakkiem barrani u l-poplu Malti dejjem maħkum.










### 7. *Taħt Tliet Saltniet* (1938) ta' Ġużè Aquilina

Friggieri, f'kuntrast ma' dak li qal dwar *Ineż Farruġ*, jiddefinixxi dan ir-rumanz storiku-soċjali bħala "rumanz storiku rebbieħ" għaliex jigglorifika eroj singulari (lil Mikiel Anton Vassalli). Dan l-uniku rumanz ta' Aquilina jista' jitqies bħala l-ewwel rumanz ta' teżi peress li jistħarreġ b'mod espliċitu l-argument nazzjonalistiku fil-kuntest Malti u jiżvolġih fil-forma narrattiva. Interessanti l-fatt li wara li rebaħ il-konkors għar-rumanzi bil-Malti mniedi mill-Gvern fl-1935, dan ir-rumanz sab ħafna intoppi sabiex jiġi ppubblikat, x'aktarx minħabba li l-awtoritajiet ma tantx għoġbuhom 'it-tendenzi soċjalisti' tar-rumanz.

### 8. *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (1938) ta' Ġużè Ellul Mercer

Fid-dawl tal-istorja tal-letteratura Maltija, *Leli ta' Ħaż-Żgħir* jitqies differenti minħabba li introduċa element ġdid u fundamentali fix-xena tan-narrattiva lokali – skont Friggieri, "Ma' Leli twieled fil-letteratura Maltija l-antieroj modern." Għaldaqstant ir-rumanz ta' Ellul Mercer jingħata prominenza (saħansitra huwa r-rumanz studjat mill-istudenti tal-Malti fil-livell avvanzat) għaliex, minkejja r-residwi Romantiċi li jħaddan, jitqies bħala l-pijunier tar-rumanzi Moderni u jimmarka, b'mod partikolari l-prototip tar-rumanz psikoloġiku bil-Malti.

### 9. *Is-Salib tal-Fidda* (1939) ta' Wistin Born

Friggieri jiddeskrivih bħala wieħed mill-"aħjar rumanzi sentimentali Maltin" flimkien mar-rumanzi ta' Ġużè Bonniċi li influwenza bil-kbir lil Born, kif jistqarr l-awtur stess fid-daħla għal *Is-Salib tal-Fidda*. Il-ġrajja ta' mħabba, li b'analoġija remota tista' tfakkar f'dik fi *Żmien l-Ispanjoli*, iddur madwar żewġ karattri twajba – Xandru, sajjied fqir u orfni, u Rożina tifla sinjura mill-Belt, bint tabib. Ir-rumanz baqa' jsaħħar lill-qarrejja li jinħakmu mill-empatija mqanqla mill-ġrajja ta' qsim il-qalb li twassal għall-klajmaks traġiku; ħafna kienu dawk li qraw ir-rumanz fl-iskola sekondarja jew semgħuh jinqara minn Charles Arrigo fuq ir-Rediffusion.

### 10. *L-Ibleh* (1948) ta' Ġużè Orlando

F'dan ir-rumanz psikoloġiku Orlando jinqata' min-narrattiva li sa dak iż-żmien tqieset konvenzjonali sabiex jikteb dwar ir-realtà qarsa ta' soċjetà aljenata. Minn dawn l-għaxar xogħlijiet magħżula, dan ir-rumanz huwa l-uniku wieħed irrakkuntat fl-ewwel persuna b'tali mod li fi kliem Friggieri "d-dinja ta' barra tispiċċa biex issir kuxjenza, il-kawża tal-'bluha' nnifisha tar-rakkontatur, il-protagonista u fl-istess ħin il-vittma." Il-protagonist antieroj, li 'tbellaħ' meta fil-bidu tar-rumanz waqgħet bomba tal-gwerra maġenbu, jimxi minn post għall-ieħor f'Malta u jixtarr il-qagħda miżera u inġusta li fiha kienu l-Maltin; fost il-kwadri li jiddeskrivi hemm ix-xena tal-Mandraġġ, silta li ħafna qarrejja baqgħu jiftakru peress li kienet studjata għall-eżami tal-Malti fi tmiem is-sekondarja.